MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2006

Appell Civili Numru. 492/2005/1

**Fl-Atti tal-Mandat ta’ Sekwestru Nru 489/05**

**Brian Bugeja, Raymond Mallia u Pauline Cilia**

**v.**

**Nutar Pubbliku Dr Herbert Cassar u Visa Investments Limited**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta’ Dicembru 2005. Permezz ta’

rikors presentat fl-1 ta’ Gunju 2005, is-sekwestrati Nutar Pubbliku Dott. Herbert Cassar u Visa Investments Limited talbu, skond dak li jipprovdi l-Artikolu 836(1)(c)(d)(8)(b)(c)(d), ir-revoka tal-mandat ta’ sekwestru nru. 489/05 fl-ismiiet “Brian Bugeja et v. Nutar Pubbliku Dr Herbert Cassar et” tat-8 ta’ Marzu 2005, kif ukoll talbu lill-Qorti tikkundanna lis-sekwestranti jhallsu penali skond l-imsemmija sub-paragrafi (b), (c) u (d) tas-subartikolu (8) tal-istess Artikolu 836;

2. B’sentenza moghtija, kif inghad, fl-14 ta’ Dicembru 2005, il-Prim Awla tal-Qorti Civili la laqghet u anqas cahdet, *in toto* jew *in parte*, it-talbiet tar-rikorrenti, izda semplicement iddikjarat li hija ma kienitx kompetenti li tisma’ r-rikors: “Ghal dawn il-motivi tilqa’ l-eccezzjoni li din il-Qorti mhix kompetenti li tisma’ dan ir-rikors stante li a tenur tal-artikolu 836(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta ir-rikors kien messu sar lill-Qorti li tkun qeghda titratta dik il-kawza u cioe` l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell. Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.”

3. Ir-rikorrenti appellaw minn din is-sentenza. Hu appena necessarju jinghad illi kieku l-ewwel Qorti jew laqghet jew cahdet ir-rikors, fis-sens tat-talba jew talbiet fih kontenuti, dan ir-rikors ta’ appell kien ikun irritu u null ghar-ragunijiet imfissra minn din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza taghha tad-19 ta’ Dicembru 2005 fl-ismijiet **Yellow Pages (Malta) Limited (C11814) v. Malta Directories Limited (C25186).** Fil-kaz odjern, pero`, l-ewwel Qorti ppronunzjat ruhha biss fuq il-kompetenza o meno taghha – punt li jidher li dik il-Qorti proprjament ssollevat *ex officio* – u ddikjarat li kienet inkompetenti.

4. L-appellanti jinsistu li, galadarba l-appell mis-sentenza tal-Prim Awla tal-24 ta’ Novembru 2004 (Citaz. 1369/2002JA), li in segwitu ghaliha nhareg il-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju *de quo*, kien ghadu ma giex appuntat ghas-smiegh minn din il-Qorti – fatt, dan, li dwaru ma hemmx kontestazzjoni – ir-rikors a tenur tal-Artikolu 836(1) kellu jsir quddiem il-Prim Awla u mhux quddiem din il-Qorti (cioe` l-Qorti ta’ l-Appell) ghax, skond huma, il-Qorti ta’ l-Appell ghadha mhix qed “titratta” l-kawza. Huma invokaw in sostenn tat-tezi taghhom il-provvediment moghti minn din il-Qorti, kif komposta, tat-

30 ta' Mejju 2003 fl-ismijiet **Mario Baldacchino v. Alfred Schembri**. L-intimati appellati, invece, isostnu li d-decizjoni tal-14 ta' Dicembru 2005, li permezz taghha l-Prim Awla ddikjarat l-inkompetenza taghha, hi korretta.

5. Din il-Qorti ma tistax hlief taqbel ma' l-intimati appellati. Galadarba jkun hemm kawza dwar dak li jkun qed jigi kawtelat bil-mandat li jkun inhareg, ma tapplikax dik il-parti tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 836 li tghid li r-rikors (ghall-kontro-mandat) isir "lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju", izda necessarjament tapplika dik il-parti li tghid "lill-qorti li tkun qeghda titratta dik il-kawza". Fil-kaz in dizamina zgur li l-Prim Awla mhux qed titratta l-kawza – il-funzjoni taghha ntemmet bis-sentenza tal-24 ta' Novembru 2004. Huwa veru li l-appell interpost minn dik is-sentenza ghadu ma giex appuntat, izda din il-Qorti tifhem li l-kelma "titratta" fl-espressjoni "li tkun qeghda titratta dik il-kawza" tirreferi essenzjalment ghall-Qorti li quddiemha, kawza li ma tkunx ghaddiet in gudikat, tkun pendenti. Fil-kaz in dizamina, ghalhekk, il-Qorti kompetenti hija din il-Qorti, minkejja l-fatt li l-appell ghadu ma giex appuntat ghas-smigh.

6. Jidher li l-appellanti gew zgwidati bil-lokuzzjoni adoperata minn din il-Qorti fil-provvediment tat-30 ta' Mejju 2003, aktar 'l fuq imsemmi. Dak il-provvediment kien jirreferi ghal kawza ta' ritrattazzjoni. F'dak il-kaz kien hemm sentenza tal-Qorti ta' l-Appell li kienet ghaddiet in gudikat, b'mod li l-kawza ma kenitx qed tigi trattata quddiem il-Qorti ta' l-Appell (u, naturalment, anqas quddiem il-Prim Awla) – proprjament ma kienx hemm aktar "kawza" sakemm il-Qorti ta' l-Appell thassar is-sentenza taghha li tkun ghaddiet in gudikat u tordna li l-kawza tigi ritrattata. Ir-rikorrenti appellanti ma jidhirx li taw kaz tar-referenza ghall-Artikoli 811 u 823 tal-Kap. 12 fil-provvediment tat-30 ta' Mejju 2003.

7. Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata tal-14 ta' Dicembru 2005 in kwantu din ikkonfermat l-inkompetenza tal-Prim Awla. Fic-cirkostanzi l-ispejjez ta' dan l-appell, bhall-ispejjez tal-prim istanza, ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------